VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,395, 20 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 97 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) - B.Psy. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) - B.Psy. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) - B.Psy. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 22 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) - B.Psy. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) – B.Psy. (Hons) - taħt l-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) – B.Psy. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) – B.Psy.(Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. Il-grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) jingħata taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, fil-Psikoloġija bħala qasam ta' studju Prinċipali waħdieni bl-Unuri."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tliet snin tal-Kors (*full-time*), li jkollhom dan il-piż:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena - 25%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena - 35%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena - 40%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-ħames snin tal-Kors (*part-time*), li jkollhom dan il-piż:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena - 15%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena - 15%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena - 20%
Il-Marka Medja tar-Raba' Sena - 25%
Il-Marka Medja tal-Ħames Sena - 25%."

Iż-Żieda tal-ordinament 9 mal-ordinamenti prinċipali

8. L-ordinament 9 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali:

"**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors."